ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY
Stqarrija għall-istampa

ECHA/PR/16/15

# REACH 2018: Issottometti r-reġistrazzjoni tiegħek

## L-aħħar pass biex tirreġistra b'suċċess taħt REACH huwa billi tibgħat dossier ta' reġistrazzjoni, bl-informazzjoni kollha meħtieġa, lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA). Dan isir b'mod elettroniku permezz tas-sistema tas-sigurtà tal-IT REACH-IT tal-Aġenzija. Bit-tnedija ta' dan il-pass, il-kumpaniji għandhom sett sħiħ ta' għodod disponibbli fit-23 lingwa tal-UE, biex jgħinhom jirreġistraw sad-data ta' skadenza li hija l-31 ta' Mejju 2018.

**Ħelsinki, 29 ta' Novembru 2016** – Is-sottomissjoni tad-dossier ta' reġistrazzjoni għal sustanza, hija s-sitt u l-aħħar fażi ta' tħejjija tal-Pjan Direzzjonali REACH 2018 tal-ECHA. Il-kumpanija li tissottometti d-dossier, se tirċievi n-numru ta' reġistrazzjoni tagħha wara li d-dossier tagħha jgħaddi minn sensiela ta' kontrolli tal-ECHA, u tkun ħallset it-tariffa tar-reġistrazzjoni. Imbagħad, din tista' tkompli timmanifattura u/jew tbigħ b'mod legali s-sustanza fis-suq.

Pariri prattiċi dwar il-passi li jridu jittieħdu għal sottomissjoni b'suċċess, kif ukoll informazzjoni dwar x'jiġri wara, huma disponibbli fuq is-sit web tal-ECHA. Il-manwali għat-tħejjija tad-dossiers ta' REACH huma disponibbli wkoll fi 23 lingwa tal-UE.

**Webinar** dwar is-sitt fażi tal-Pjan Direzzjonali REACH 2018 se jseħħ nhar 30 ta' Novembru fil-11:00 (ħin ta' Ħelsinki). Dan se juri lill-parteċipanti kif jinnavigaw f'REACH-IT u kif jissottomettu dossier lill-ECHA. Dan se juri il-karatteristiċi ġodda l-aktar importanti ta' REACH-IT, bħall-identifikazzjoni tal-"kompiti" assenjati u kif wieħed għandu jaġixxi dwarhom, bl-użu tal-paġna ta' sottomissjoni konġunta, u kif wieħed għandu jiġġestixxi u jbiddel l-informazzjoni tal-kumpanija. Il-parteċipanti jkollhom l-opportunità li jistaqsu mistoqsijiet lil esperti tal-ECHA.

Minn Ġunju 2015, l-ECHA ppubblikat parir prattiku dwar il-passi differenti li l-kumpaniji jeħtieġ jieħdu biex jagħmlu r-reġistrazzjoni tagħhom. Dan il-materjal issa huwa komplut. Il-kumpaniji kollha huma mħeġġa jsewgu l-parir b'pass wara ieħor li huwa disponibbli fuq il-paġni web tal-Pjan Direzzjonali REACH 2018 u jħaffu l-preparazzjonijiet tagħhom.

**L-isfond**
L-aħħar data ta' skadenza għar-reġistrazzjoni skont REACH ser tkun il-31 ta' Mejju 2018. Din id-data ta' skadenza tikkonċerna kumpaniji li jimmanifatturaw jew jimportaw sustanzi kimiċi f'volumi baxxi, bejn 1-100 tunnellata kull sena.

Il-Pjan Direzzjonali REACH 2018 tal-ECHA jaqsam ir-reġistrazzjoni f'seba' fażijiet, u jiddeskrivi l-istadji importanti ta' kull fażi u l-appoġġ li l-Aġenzija tippjana li tagħti lir-reġistranti.

Il-kumpaniji jenħtieġ li jibdew bil-preparazzjonijiet tagħhom kmieni biżżejjed. Il-paġni web ta'

REACH 2018 tal-ECHA jservu bħala punt uniku ta' servizz għall-materjal kollu biex jgħin lill-kumpaniji fil-preparazzjonijiet tagħhom.

## Aktar informazzjoni

Irreġistra issa: Webinar ta' REACH 2018, 30 ta’ Novembru: Issottometti d-dossier tar-reġistrazzjoni tiegħek
https://echa.europa.eu/view-webinar/-/journal_content/56_INSTANCE_DdN5/title/reach-2018-submit-your-registration-dossi-1

Paġni web ta' REACH 2018, infografika u fuljett
http://echa.europa.eu/reach-2018

Il-webinars kollha tal-Pjan Direzzjonali REACH 2018
https://echa.europa.eu/support/training-material/webinars/reach-2018-webinars

Appoġġ – Is-sottomissjoni tad-dossier ta’ reġistrazzjoni tiegħek
https://echa.europa.eu/support/registration/submitting-your-registration-dossier

Appoġġ - Mis-sottomissjoni sad-deċiżjoni
https://echa.europa.eu/support/registration/from-submission-to-decision

Manwali dwar il-preparazzjoni tad-dossiers ta' REACH
https://echa.europa.eu/manuals

Nibdew bil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi
http://echa.europa.eu/support/getting-started

Helpdesks
http://echa.europa.eu/support/helpdesks/

Bullettin tal-ECHA – REACH
http://newsletter.echa.europa.eu/home/-/newsletter/tag/reach

Materjal ta’ sfond għall-mezzi tax-xandir
http://echa.europa.eu/press/press-material/pr-for-reach-2018

REACH 2018 f'LinkedIn
https://linkedin.com/company/reach-2018

Twitter #REACH2018
https://twitter.com/hashtag/reach2018